## PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Rikors Ġuramentat Nru **1261/21 AD**

## CROWN COLD STORES LIMITED (C505)

**VS**

## OLIVER AZZOPARDI (ID 383667M)

**Seduta ta' nhar It-Tlieta, 22 ta' Marzu 2022**

**Il-Qorti**:

1. Din hija sentenza finali wara talba għal dikjarazzjoni illi l-intimat Oliver Azzopardi huwa debitur tas-soċjeta' rikorrenti fis-somma ta' sitta u għoxrin elf, disa' mija u tmienja u sebgħin Ewro u tlieta u erbgħin ċenteżmu (€26,978.43), u ordni sabiex jitħallas l-istess ammont dovut mill-konvenut lis-soċjeta' rikorrenti, liema talba saret permezz ta' rikors tas-soċjeta' Crown Cold Stores Limited preżentat fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Diċembru 2021 ai termini tal-Artikoli 167 *et seq* tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

**Preliminari**

2. Permezz ta' rikors ġuramentat preżentat nhar it-tnejn u ghoxrin (22) ta' Dicembru 2021, David John Muscat, in rappreżentanza tas-soċjeta' Crown Cold Stores Ltd, ikkonferma bil-ġurament tiegħu is-segwenti:

   a. Illi s-soċjeta' rikorrenti tbiegħ prodotti tal-friża, partikolarment prodotti ta' laħam;

   b. Illi l-intimat Oliver Azzopardi jiġġestixxi negozju bl-isem ta' '*Tender Fresh Butcher*' gewwa *JJ Supermarket* fis-Siġġiewi;

   c. Illi s-soċjeta' attriċi kkonsenjat numru ta' prodotti ta' laħam lill-intimat, għal liema konsenji ħarġet numru ta' fatturi u li minnhom għad hemm bilanċ pendenti ta' sitta u ghoxrin elf, disa' mija u tmienja u sebgħin Ewro u tlieta u erbgħin ċenteżmu (€26,978.43);

   d. Illi in vista ta' dan, l-intimat huwa debitur tas-soċjeta' rikorrenti fl-ammont ta' sitta u ghoxrin elf, disa' mija u tmienja u sebgħin Ewro u tlieta u erbgħin ċenteżmu (€26,978.43), u dan kif kien jirriżulta mid-dokumenti annessi mal-istess rikors ġuramentat;

   e. Illi dan l-ammont ta' sitta u għoxrin elf, disa' mija u tmienja u sebgħin Ewro u tlieta u erbgħin ċenteżmu (€26,978.43) huwa ċert, likwidu u dovut;

   f. Illi sa fejn taf is-soċjeta' attriċi, l-intimat m'għandux eċċezzjonijiet xi jressaq kontra t-talbiet tal-istess soċjeta' attriċi, u għalhekk jeżistu r-raġunijiet kollha skont il-liġi biex din il-Qorti tkun tista' tipproċedi għad-deċiżjoni bid-dispensa tas-smigħ tal-kawża ai termini tal-Artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

   g. Illi minkejja li l-intimat kien ġie interpellat diversi drabi sabiex iħallas l-ammont pretiż, dan baqa' inadempjenti. Għalhekk kellha ssir din il-kawża;

3. Għaldaqstant, is-soċjeta’ rikorrenti talbet lil din il-Qorti sabiex:

    i. Tipproċedi għad-deċiżjoni tagħha bid-dispensa tas-smigħ tal-kawża ai termini tal-Artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta;

    ii. Tiddikjara lill-intimat debitur tas-soċjeta’ attriċi Crown Cold Stores Ltd fl-ammont ta’ sitta u għoxrin elf, disa’ mija u tmienja u sebgħin Ewro u tlieta u erbgħin ċenteżmu (€26,978.43);

    iii. Tikkundanna lill-intimat sabiex iħallas lis-soċjeta’ attriċi s-somma ta’ sitta u għoxrin elf, disa’ mija u tmienja u sebgħin Ewro u tlieta u erbgħin ċenteżmu (€26,978.43).

   Bl-ispejjeż u bl-imghax legali dovut sal-jum tal-pagament effettiv kontra l-intimat.

**Il-Qorti**

4. Reġgħet rat ir-rikors ġuramentat tas-soċjeta’ rikorrenti Crown Cold Stores Limited datat tnejn u ghoxrin (22) ta’ Dicembru 2021;

5. Rat id-dokumentazzjoni kollha annessa mal-istess rikors, u cioe l-fatturi (**Dok CS1**), l-i*statement of account* (**Dok CS2**), u l-affidavit ta’ David John Muscat (**Dok CS3**);

6. Reġgħet rat id-digriet tagħha stess tas-sebgha u ghoxrin (27) ta’ Dicembru 2021 illi permezz tiegħu appuntat il-kawża għas-seduta tat-Tlieta, 18 ta’ Jannar 2022, b’ordni lill-intimat sabiex jidher f’dik il-ġurnata u jwieġeb għat-talba tas-soċjeta’ attriċi, u, li fin-nuqqas, il-Qorti tgħaddi sabiex tiddeċiedi minnufih il-kawża billi tilqa’ t-talbiet tas-soċjeta’ attriċi;

7. Rat illi fis-seduta tas-17 ta’ Frar 2022, il-Qorti awtorizzat lis-soċjeta’ attriċi sabiex wara li jsiru t-tentattivi ta’ notifika kollha skont il-liġi, tinnotifika lill-

konvenut bil-proċedura tal-affissjoni u bil-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern u f'gazzetta lokali waħda;

8. Rat in-nota tal-konvenut preżentata fil-ħamsa u għoxrin (25) ta' Frar 2022 li permezz tagħha huwa informa lill-Qorti li huwa ma kienx qiegħed jopponi għat-talbiet tas-soċjeta' rikorrenti;

9. Rat id-digriet tagħha stess datat ħdax (11) ta' Marzu 2022 illi permezz tiegħu rrikjamat il-kawża għas-seduta tal-lum;

10. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**Konsiderazzjonijiet Legali**

11. Fl-ewwel lok, f'dak illi jirrigwarda l-**ewwel talba** tas-soċjeta' attriċi, il-Qorti tinnota illi kien minħabba illi l-konvenut kien għadu ma ġiex notifikat bir-rikors ġuramentat illi ma ngħatatx sentenza waqt is-seduta tat-tmintax (18) ta' Jannar 2022. In oltre, lanqas kien għadu ġie notifikat sas-seduta tas-sbatax (17) ta' Frar 2022, u kien għalhekk illi l-Qorti kellha tiddiferixxi l-kawża għal darb'oħra. Madanakollu, hekk kif daħlet in-nota tal-konvenut Oliver Azzopardi, il-kawża ġiet rikjamata għas-seduta tal-lum, u dan wara r-rikors tas-soċjeta' rikorrenti datat disgħa (9) ta' Marzu 2022. Konsegwentement jidher illi filwaqt illi fl-ewwel żewġ seduti ma seta jsir xejn stante illi l-konvenut kien għadu ma ġiex notifikat, u in konsiderazzjoni tal-fatt illi s-sentenza qiegħda effettivament tingħata waqt is-seduta tal-lum, u cioe fl-ewwel seduta illi għaliha jinsabu preżenti ż-żewġ partijiet kif debitament notifikati, din il-Qorti **sejra tikkonsidra l-ewwel talba sorvolata**;

12. F'dak illi jirrigwarda **t-tieni u t-tielet talba** tas-soċjeta' rikorrenti, il-Qorti tinnota illi:

    a. Jirriżulta mill-affidavit ta' **David John Muscat**, anness mar-rikors promotur: (i) illi Muscat huwa direttur u azzjonist tal-kumpanija

Crown Cold Stores Limited; (ii) illi Oliver Azzopardi huwa wieħed mill-klijenti ta' Crown Cold Stores Ltd; u (iii) illi l-ammont dovut lis-soċjeta' attriċi minn Oliver Azzopardi huwa ta' €26,978.43;

b. L-istess ammont jirriżulta wkoll mill-i*statement* u l-fatturi relattivi annessi mar-rikors promotur u mmarkati bħala **Dok CS2** u **Dok CS1** rispettivament;

c. Kien il-konvenut stess illi permezz ta' nota preżentata fir-Reġistru ta' din il-Qorti nhar il-ħamsa u għoxrin (25) ta' Frar 2022, irreġistra ammissjoni, u kkonferma l-istess *viva voce* waqt is-seduta tal-lum;

13. **In vista tal-ammissjoni tal-konvenut, fl-ammont kif debitament konfermat ukoll bil-provi miġjuba mis-soċjeta' attriċi, <u>it-tieni talba dedotta fir-rikors ġuramentat tirriżulta pruvata</u> u għandha għalhekk tintlaqa';**

14. **Konsegwentement <u>għandha tintlaqa' wkoll it-tielet talba</u> tas-soċjeta' rikorrenti;**

15. F'dak illi jirrigwarda t-talba tas-soċjeta' attriċi għall-ħlas tal-imgħaxijiet legali, il-Qorti tinnota illi l-Artikolu 1141 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta jistabbilixxi illi:

*(1) Jekk l-obbligazzjoni tkun ta' xorta kummerċjali jew jekk il-liġi tkun tiddisponi li l-imgħaxijiet għandhom jibdew jgħaddu ipso jure, l-imgħaxijiet għandhom igħaddu minn dak in-nhar li l-obbligazzjoni kellha tiġi esegwita.*

*(2) F'kull każ ieħor, l-imgħaxijiet għandhom jgħaddu minn dak in-nhar illi ssir sejħa għall-ħlas b'att ġudizzjarju, għalkemm fil-ftehim ikun ġie stabbilit żmien għall-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni.*

16. Ai termini tal-Artikolu 5 tal-Kap 13 tal-Liġijiet ta' Malta, *"ix-xiri ta' ħwejjeġ mobbli sabiex jerġgħu jinbiegħu [...] sew in natura jew wara li jinħadmu jew jiġu manifetturati; il-bejgħ [...] ta' ħwejjeġ mobbli, in natura jew wara li jinħadmu jew jiġu manifatturati, meta x-xiri tagħhom ikun sar sabiex jerġgħu jinbiegħu jew sabiex jingħataw b'kiri"* għandu jitqies bħala att tal-kummerċ, b'dana illi, konsegwentement, id-dejn fil-każ odjern, in kwantu huwa bilanċ dovut għal prodotti illi nxtraw mill-konvenut sabiex jerġgħu jinbiegħu, huwa dejn illi jinkwadra ruħu taħt is-sub-inċiż 1 tal-Artikolu 1141 tal-Kap 16 suċitat. Għaldaqstant, l-imgħax għandu jibda jiddekorri mid-*due date* ta' kull fattura relattiva kif indikati fl-*istatement* immarkat bħala **Dok CS2**, liema data tindika meta sar dovut l-ammont relattiv għal kull fattura (u cioe d-data minn meta l-obbligazzjoni kellha tiġi esegwita) sad-data tal-effettiv pagament.

**Decide**

17. Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

(i) **<u>Tiddikjara</u>** illi l-ewwel talba ġiet sorvolata;

(ii) **<u>Tilqa'</u>** t-tieni talba tas-soċjeta' attriċi u tiddikjara illi l-intimat huwa debitur tas-soċjeta' rikorrenti fis-somma ta' sitta u ghoxrin elf, disa' mija u tmienja u sebghin Ewro u tlieta u erbghin centezmu (€26,978.43) rappreżentanti bilanċ ta' prezz ta' numru ta' prodotti ta' laħam ikkonsentjati mis-soċjeta' attriċi lill-intimat;

(iii) **<u>Tordna</u>** lill-intimat iħallas lis-soċjeta' rikorrenti s-somma ta' sitta u ghoxrin elf, disa' mija u tmienja u sebghin Ewro u tlieta u erbghin centezmu (€26,978.43), bl-imgħaxijiet legali dekorribbli mid-*due date* ta' kull fattura relattiva esebita fil-proċeduri odjerni, liema data għal kull fattura relattiva tinsab indikata fl-*istatement* anness mar-rikors promotur, sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjeż a karigu tal-intimat Oliver Azzopardi.

**Moqrija.**

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**Dr Graziella Attard**
**Deputat Reġistratur**